**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Lulju 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Abdinasir Noor Kinaan**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet kif korretti migjuba kontra:

Abdinasir Noor Kinaan ta' seba' u għoxrin sena (27), bin Abdinasir Noor u Kareiko Husein Noor neè Mymom ta' Nazzjonalita' Somali, mwieled fil-ħmistax (15) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996), is-Somalia u residenti 60, Spring CRT, FL 2, Triq Dun Bartilmew Attard, Żebbuġ, detentur tal-karta tal-Identità 0082501A

Akkuzat talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa' u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn nofsinhar (12:00) u is-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar, f' Montblanc, Triq il-Merkanti Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' basket liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn it-tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa ta' tletin ċenteżmu (€2,329.37)

u liema serq sar għad-dannu tal-kumpanija Montblanc/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

2. U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

3. Kif ukoll fl-istess żmien, lok, data u ċirkostanza naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħtu il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kodiċi Kriminali.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li bin-nota tal-11 t'April 2024, il-Prosekuzzjoni irtirat l-imputazzjoni numru tlieta (3) fic-citazzjoni.

5. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**IL-FATTI**

6. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

1. Fid-29 ta' Jannar 2024, Eva Navarro ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, fejn qalet li hija manager tal-istabbiliment bl-isem Mont Blanc, li jinsab il-Belt Valletta, u li nhar is-26 ta' Jannar ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs-in-nhar (12.45pm) hija kienet qieghda fil-hanut taqdi xi klijenti, meta dahal fil-hanut ragel ta' karnaggjon skur, ha handbag li kien fuq xkaffa, hbieh taht il-gakketta li kellu f'idejh u telaq bih il-barra mill-hanut.

2. L-istabbiliment Montblanc ta lill-Pulizija l-filmati tac-CCTV u xi stills minnu relattati ma' din is-serqa. Il-*cost price* tal-basket kien ta' hames mija u seba' u ghoxrin Euro u hamsa u disghin centezmu (€527.95).

3. L-imputat gie eventwalment arrestat u gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni - Serq ikkwalifikat bil-Valur*

7. Mill-filmati tac-CCTV ezebiti in atti, li huma ta' kwalita tajba hafna, il-Qorti ma ghandhix dubbju li l-persuna li tidher fil-filmat tisraq il-basket tad-ditta Montblanc hija effettivament l-imputat. Waqt is-serqa, l-imputat kellu f'idejh ic-Certifikat ta' Protezzjoni mahrug favur tieghu stess mill-International Protection Agency. L-original ta' dan ic-certifikat gie ezebiet in atti. Fir-ritratt f'dan ic-certifikat, l-imputat liebes top disinn partikolari isfar u iswed. Dan id-dokument bir-ritratt in kwistjoni jidher f'idejn l-imputat waqt is-serqa.

8. Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

9. Effettivament, waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-imputat qal li l-imputat tant gharaf l-izball li ghamel, li minkejja li huwa rinkarcerat, ra kif ghamel u irrifonda l-valur tal-basket li seraq lill-istabbilment derubat. Fil-fatt, fl-ahhar seduta u cioe dik tad-19 ta' Gunju 2024, iz-zewg partijiet iddikjaraw li fil-mori tad-differiment il-valur intier tar-rifurtiva gie imhallas lill-parti offiza.

*It-Tieni Imputazzjoni – Ir-Recidiva*

10. Il-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 t'Awwissu 2013, fejn l-imputat instab hati ta' serq ikkwalifikat. L-ispettur Luke

Bonello xehed li hu kien l-Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri kontra l-imputat li huwa gharaf fl-awla.[1]

11. Id-difiza issottomettiet li din il-prova ma kinietx sufficjenti sabiex tipprova r-recidiva, stante li l-Prosekuzzjoni kienet ukoll obbligata li ggib prova jekk dik is-sentenza gietx appellata jew le, u f'kaz affermattiv prova tal-ezitu tal-appell. Id-difiza iccitat favur it-tezi taghha is-sentenza **Il-Pulizija vs Bouslama Said** deciza fil-21 ta' Jannar 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri).[2]

12. Min-naha l-ohra l-Prosekuzzjoni issottomettiet li hija ressqet il-provi li kellha tressaq, u jekk id-difiza qed tallega li kien hemm xi appell minn din is-sentenza, kien jinkombi lid-difiza li tressaq tali prova.

13. Il-kazistika tal-Qrati Maltin mhix konformi f'dan ir-rigward. Huwa vera li s-sentenza **Il-Pulizija vs Bouslama Said** citata mid-difiza, u sentenzi ohra ricenti jirrikjedu wkoll li l-Prosekuzzjoni trid tressaq prova li s-sentenza ezebita ma gietx appellata. Pero, sentenzi ohra decizi fi snin precedenti jirritjenu l-oppost. Hekk per ezempju, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Julian Genovese** deciza fid-9 t'Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Kopja legali ta' sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad taghmel prova shiha u kompluta ghall-finjiet tar-recidiva jew ghal xi fini ohra bhalma hija l-prova li r-reat gie kommess fil periodu operattiv ta' sentenza sospiza, jew li kien hemm ksur ta' ordni ta' probation jew ta' conditional discharge. Il-prosekuzzjoni <u>m'ghandhiex ghalfejn tipproduci xi certifikat li dik is-sentenza ma kienitx giet appellata</u>. Jekk l-imputat, pero`, jikkontesta il-finalita` ta' dik is-sentenza, spetta ghalih li jaghmel prova kuntrarja, imqar fuq bazi ta' probabbilita`."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

14. Din il-Qorti kif preseduta ittendi li taqbel mal-linja tal-hsieb rifless fis-sentenza **Il-Pulizija vs Julian Genovese**. Dan anke ghaliex illum il-gurnata meta hemm il-jedd ta' revizjoni ta-sentenzi ta' Qorti Kostituzzjonali sabiex tara jekk kienx hemm ksur ta' wiehed jew aktar mid-drittijiet fundamentali, jista' jaghti il-kaz li ghalkemm sentenza

[1] Ara fol. 67 tal-process.
[2] *Per* Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[3] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

tista' tigi ikkunsidrata finali ghax ma sarx appell minnha, ikunu ghaddejnin jew ikunu gew decizi proceduri kostituzzjonali li annullaw dik is-sentenza. Ghalhekk prova li dik is-sentenza hija finali mhix necessarjament prova li dik is-sentenza hija wahda ezegwibbli. Ghaldaqstant ladarba l-Prosekuzzjoni tkun esebit kopja legali ta' dik is-sentenza, dik is-sentenza taghmel prova shiha u kompluta ghall-finijiet tar-recidiva. Jekk id-difiza tikkontesta l-finalita tas-sentenza, ikun jinkombi lilha li tressaq il-prova opposta.

15. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Ksur tad-Digriet tal-Helsien mill-Arrest*

16. Il-Prosekuzzjoni ezebiet kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat fit-18 t'April 2023 mill-Qorti Kriminali. L-ispettur Wayne Camilleri xehed li d-digriet ezibit kien jikkontjeni l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat fi proceduri kriminali li kienu ghadhom pendenti u li fihom hu kien l-Ufficjal Prosekutur. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna indikata fid-digriet, kif ukoll qal li dawn il-kundizzjonijiet ghadhom in vigore.[4]

17. Id-difiza issottomettiet li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ghax l-Ufficjal Prosekutur f'dak il-kaz qal li l-proceduri ghadhom pendenti izda ma qal xejn jekk il-dawk il-kundizzjonijiet inbidlux. F'dan l-aspett, id-difiza hija fattwalment skorretta. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-ispettur Wayne Camilleri espressament qal li *"Dawn* [il-kundizzjonijiet tal-bail] *ghadhom in vigore ... ..."* Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova li l-kundizzjonijiet tal-bail ma kienux inbiddlu minn kif imposti fid-digriet originali.

18. Fi kwalunkwe kaz u *ex abbundantia*, il-Qorti izzid tghid, li jekk id-difiza kienet qed tallega li l-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tal-helsien mill-arrest kienu gew varjati, kien jinkombi lilha li tressaq din il-prova, biex tikkontesta l-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni.

[4] Ara fol. 66 tal-process.

19. Fost il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni, hemm dik li l-imputat ma jikkommettiex reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Ladarba f'dan il-proceduri l-imputat instab hati ta' serq ikkwalifikat, isegwi li huwa kiser ukoll wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

20. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li hu ghandu zewg kundanni minn dawn il-Qrati, wahda ghal serq ikkwalifikat, u l-ohra ghal reat kontra l-persuna u hsara volontarja.

21. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat irrifonda lill-parti offiza l-valur shih tal-oggett minnu misruq fil-mori ta' dawn il-proceduri, u allura l-piena ghandha tonqos bi grad ai termini tal-Artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali.

22. Ghalkemm l-imputat instab hati ta' ksur tal-kundizzjonijiet mill-arrest tieghu, il-Qorti tosserva li fic-citazzjoni l-Prosekuzzjoni ma talbitx ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest, u r-ri-arrest tal-imputat, kif hi ghandha l-fakolta li taghmel ai termini tal-Aritkolu 579(3) tal-Kodici Kriminali.

23. Mix-xhieda tal-espert psikologa Dr Roberta Holland u mir-rapport ezebit minnha jirrizulta ampjament li r-reati li bihom l-imputat jinsab mixli fil-proceduri odjerni huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga. Jirrizulta wkoll li d-dipendenza tal-imputat fuq id-droga hija wahda akuta, u jirnexxielu biss jikkontrollaha meta hu jkun fl-ambjent kontrollat tal-habs. Dr Holland qalet li sabiex jindirizza l-problema tad-droga, l-imputat ghandu bzonn trattament strutturat u intensiv permezz ta' programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

24. Il-Qorti tosserva li l-imputat ikkommetta r-reati *de quo* seba' (7) xhur biss wara li inghata l-helsien mill-arrest.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

2. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 337(2)(b)(ii), 49, 50, 289 u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohrajn kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tnax (12)-il xahar, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' elfejn Euro (€2000), liema depositu kien impost fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fl-18 ta' April 2023 mill-Qorti Kriminali.

4. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u disghin Euro u tlettax-il centezmu (€690.13) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

26. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Qorti kompetenti li quddiemha hemm pendenti l-proceduri kriminali li fihom inghata id-digriet tal-helsien mill-arrest fuq imsemmi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**